# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 11/2016

**Il-Pulizija**

**vs**

**Ahmad Yassine**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2019

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Ahmad Yassine, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 241807L quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-22 ta' Lulju 2015 u fil-ġranet u x-xhur preċedenti fi Triq Birbal, Balzan 1) Insulenta jew hedded lil Manar Yassine, jew hekk kien provokat, ingurja b'mod li ħareġ mill-limitu tal-provokazzjoni; u 2) Ikkaġuna biza' li ser tintuża vjolenza kontra Manar Yassine jew kontra l-propjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti jew dixxendenti tal-imsemmija persuna;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tal-11 ta' Jannar, 2016 li biha sabet lill-imsemmi imputat Ahmad Yassine ħati tal-imputazzjonijiet kif

dedotti u ordnat ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni a favur Manar Yassine ai termini tal-Artikolu 412 C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għall-perjodu ta' sena mid-data tas-sentenza taħt penali ta' elfejn, tlitt mija u disgħa u għoxrin Ewro;

Rat ir-rikors tal-appellant, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fl-20 ta' Jannar, 2016, li bih talab lil din il-Qorti jogħġobha thassar u **tirrevoka** s-sentenza appellata u li għalhekk tilliberaħ minn kull piena u imputazzjoni;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant jillanja s-sentenza appellata b'aggravji sia ta' natura legali kif ukoll ta' apprezzament zbaljat tal-provi. L-ewwel konsiderazzjoni li jehtieg li ssir, izda, hi dwar il-validita' o memo tas-sentenza appellata kif sollevata minn din il-Qorti fl-udjenza tad-29 t'Ottubru, 2018 ghad-diskussjoni mill-partijiet. Din il-kwistjoni kienet sollevata *ex officio* ghaliex fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti, wara li sabet htija fl-imputat ordnat il-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni fit-termini tal-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali kontra tieghu apparentement minflok ma erogat piena. Jekk l-ewwel Qorti riedet li taghmel dan minflok li tikkomina piena jew flimkien mal-piena ma huwiex car. Dak li hu zgur, izda, hu li l-artikolu 412C ma huwiex piena izda konsegwenza tal-piena f'kaz li qorti tkun tehtieg li tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna;

2. Is-sentenza appellata hija karenti minn element essenzjali ghal-validita' taghha konsistenti fin-nuqqas ta' formalita' essenzjali skond l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali bl-ommissjoni ta' kominazzjoni tal-piena wara sejbien ta' htija. L-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jiddisponi illi "**Il-Qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dak ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat".** Fil-kaz hawn skrutinat, wara li l-ewwel Qorti sabet htija fl-appellant, minflok li ghaddiet sabiex teroga l-piena, imponiet fuqu il-kondizzjonijiet ravvizati fl-artikoli 412C tal-Kodici Kriminali intizi biex iharsu s-sigurta' tal-parti offiza matul u sakemm jintemmu proceduri penali. Naturalment huwa possibbli ghall-Qorti li tapplika l-provediment tal-Kapitolu 446 minflok ma teroga piena. Tista' ukoll tirrikorri ghall-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 u tiffissa ammont bhala garanzija sabiex tizgura s-sigurta' tat-terz jew biex tizgura li ma tinkisirx l-buon ordni mill-hati;

3. L-appellant kien misjub hati ta' ksur tal-artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-ligjiet ta' Malta li igorr mieghu l-piena ghall-kontravvenzjonijiet, igifieri, skond l-artikolu 7(2) d-detenzzjoni ghal massimu ta' xaharejn jew skond kif provut mod iehor (artikolu 12(2), l-ammenda massimu ta' €58.23 (art 13 (1) sakemm mhux provdut mod iehor, canfira jew twiddiba, kif ukoll l-artiklu 251B(1) tal-Kap 9 li jgorr mieghu piena ta' prigunerija ta' zmien tliet xhur sa sitt xhur jew multa ta' mhux anqas minn €4,658.75 u mhux izjed minn €11,646.87 jew dik il-multa u piena flimkien. Issa, u kif gia inghad, skond l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali, il-Qorti tista' <u>minflok il-piena </u> jew flimkien maghha sabiex jinzamm l-ordni pubbliku, torbot lil-hatja b'obligazzjoni taht penali ta' somma ta' flus. Huwa biss f'din l-istanza u kull fejn jipprovdi l-Kodici Kriminali jew ligi ohra fejn Qorti tista' taghzel li minflok il-piena

timponi kondizzjoni konsimili u b'hekk xorta wahda jkun sodisfatt il-vot tal-artikolu 382. Fejn dan mhux provdut, allura l-Qorti ma tistax *marte proprio* tassumi tali poter *sic et simplicitur*. L-artikolu 412 C tal-Kodici Kriminali ma huwiex penali u ghalhekk ma jissodisfax il-vot tal-ligi kif ravvizat fl-artikolu 382 tal-istess Kapitolu;

4. In-nuqqas tal-ewwel Qorti huwa wiehed ta' formalita' essenzjali u dik il-karenza tirrendi nulla s-sentenza prolatata kif gia deciz minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza **Il-Pulizija vs Leonard Cutajar 543/2016 EG – 27.4.2017, Il-Pulizija vs Charles Magri App Krim 430/2016 EG – 31.5.2017, Il-Pulizija vs Pier Giorgio Buttigieg 254/2016 GMG – 28.5.2018.** Ghalhekk qed tiddikjara s-sentenza appellata nulla u ai termini tal-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali ser tghaddi biex tiddeciedi l-kawza fuq il-mertu;

5. Opportunement irid jinghad illi n-nullita' ta' sentenza ġġib magħha ċertu konsegwenzi ossia effetti, fosthom illi l-aggravji fir-rikors tal-appell issa jitqiesu bħala sottomissjonijiet (**Il-Pulizija vs Dr. Alfred Grech** – App Krim 10/9/2007). Inoltre, u anke jekk ma huwiex il-każ f'dan l-appell, tajjeb li jkun mfakkar illi d-deċizjoni mill-ġdid issir dwar dawk l-imputazzjonijiet fejn instabet ħtija u mhux fejn kien hemm liberatorja (**Pulizija vs Karmenu Attard App Krim 28.4.1995).** Konsegwenza oħra imbagħad tirrigwarda l-piena għaliex din il-Qorti ma tkunx marbuta mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti u din tista' ukoll tkun anqas jew aktar minn dik kominata (**Il-Pulizija vs Joseph Farrugia 13.1.1995 App Krim**);

6. Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi biex tezamina l-provi mismugha u d-dokumenti esebiti. Mill-affidavit ta' WPC 161 T

Camilleri a fol 24 tal-atti , is-sinjura Manar Yassine kienet ghamlet rapport l-għassa ta' Birkirkara dwar inċident li kien ġara fid-dar tagħha stess fit-22 ta' Lulju, 2015 iżda marret tirraporta dan fil-5 t'Awwissu, 2015. Ir-rapport kien fil-konfront ta' zewgha, Ahmad Yassine, fis-sens illi kien refa' jdejh fuqha darbtejn, għamel idejh ma' wiċċha darbtejn u kif ukoll għamlilha imħadda ma' wiċċha. Meta mitkellem Ahmad Yassine ċaħad dan kollu;

7. Quddiem din il-Qorti, l-kwerelanta qalet li hija kienet għamlet rapport dwar ir-raġel tagħha Ahmed Yassine qabel dan tat-22 ta' Lulju, 2015 rigward vjolenza domestika u wara dan ir-rapport is-swat żdied kemm id-dar u anke jirrabja magħha u fit-triq. Fir-rigward ta' dan l-inċident tgħid li zewgha sawwatha fit-triq u iddeċidiet li kellha tagħmel xi ħaġa dwar din is-sitwazzjoni. Għall-ewwel irrapurtat l-iskola għax ma kinitx taf kif jaħdmu l-affarijiet hawn Malta, imbagħad kienu ser jibgħatuha home, u peress li ma kienitx taf x'inhi home talbet l-għajnuna ta' ħuh. Għamlet ħamest ijiem tgħix għandu u wara li qalilha li rranġa kollox u mhux ser jerġa' jagħmel hekk hija ddeċidiet li terġa' tmur id-dar iżda s-swat reġa ssokta;

8. L-imputat kien irrabjat hafna dwar dan ir-rapport u għall-ewwel ma kien ikellimha xejn u anke marret tkellem social worker tal-appoġġ fl-iskola mingħajr ma kien jaf. "*Iżda fil-21 ta' Lulju bilejl beda jitkellem fuq dan ir-rapport u kellu ħafna, rabja ħafna ħafna , ma setax jiskot, isaqsini x'għedt u kien ibeżżgħani u prova biex inwaqqa' l-każ kemm –il darba. Dan il-ħsieb ma ħallihx jorqod.*" Tkompli: "*Umbagħad filgħodu beda jsawwatni u kelli girfa fuq wiċċi u għamel idejh ma' ħalqi, jiena bdejt ngħajjat biex forsi jismagħni xi ħadd mit-tieqa umbagħad għamel imħadda ma' wiċċi biex joħnoqni.*". Tgħid li pruvat toħroġ imma apparti li kienet

mqaċċta u li ma kellhiex il-velu fuqha u hekk biss tista' toħroġ huwa għamel idejh mal-bieb u żammha u għalhekk ma setgħetx toħroġ. Imbgħad mar jilbes normali għax-xogħol u qisu ma ġara xejn. Wara li telaq , bdiet tħossha ħażin u tirrimetti u t-tfal daru kollha magħha. Ċemplet lis-social worker li kienet qed tieħu ħsiebha u peress li dakinhar ma kienitx hemm, kellmitha oħra li qaltilha jekk jiġri xi ħaġa ċempel lil Pulizija. Hija għamlet ġurnata kwieta u filgħaxija ġie mix-xogħol qisu xejn mhu xejn. L-għada filgħodu ċemplitilha Sarah u ħaditha d-dar Merħba Bik. Ir-rapport m'għamlitux dakinhar stess għax ma kinitx fehmet lil avukat li kellha tmur tagħmel rapport mal-Pulizija dwar li ġara u li għalhekk għamlitu fil-5 t'Awwissu, 2015. Ma għadhiex tgħix mar-raġel tagħha u għadha tħossha trawmatizzata għalkemm għaddew tlett (3) snin mill-akkadut;

9. Ahmad Yassine ghazel li jixhed u caħad li qatt refa' saba' fuqha jew sawwatha. Jgħid li kienet hi li hedditu għax trid iġġib lil familja tagħha mis-Sirja ghal Malta; '*jekk m'intix ser iġġib il-familja tiegħi jien naf kif ha nġibhom. U marret u bdiet tagħmel dawn ir-rapporti fuqi.'* Huwa jiddeskrivi x'gara nhar it-22 ta' Lulju u jgħid li dakinhar filgħodu ħarġu flimkien u marru għat-tfal l-iskola, kienet hedditu jumejn qabel li ser iġġib il-familja u li ha tagħmel affarijiet fuqu. Hi daħlet l-iskola u ma ħarġitx minn hemm, ġew il-Pulizija u marret għand ħuh. Ilu issa 'l fuq minn sena u nofs ma jkellem lil mara. Huwa jgħid li kellhom ħafna argumenti fuq it-trobbija tat-tfal u jsemmi li meta it-tfal kienu jorqdu fuq is-sufanijiet hija kienet tiġbidhom minn saqajhom jew minn idhom biex iddaħħalhom ġol kamra u mhux terfagħhom. Inoltre, meta tiġi biex tagħtihom il-banju fix-xitwa ddaħħalhom kollha flimkien fil-kamra u l-ewwel wieħed li taħsel irid jistenna t-tlieta l-oħra jitlestew biex jixxotta. Meta reġa' mistoqsi mill-Prosekuzzjoni jekk għamlilhiex idejh ma' wiċċha u imħadda ma' wiċċha huwa jgħid li

qed tigdeb u li kieku veru hemm iċ-ċertifikati. Hu jgħid li qatt ma sakkarha u li mhux vera li għamel idu mal-bieb biex ma toħroġx għax dejjem ħarġet. Huwa jsostni li marret għand ħuh biex tipprova ġġib il-familja tagħha. Inoltre, huwa tal-fehma li l-mara tiegħu marret tgħix Merħba Bik biex iġġib il-familja tagħha, hawn. It-tfal jinsabu mal-omm u l-aċċess għalihom twaqqaf. Mistoqsi jekk bediex proċeduri legali biex dawn it-tfal jiġu għandu minħabba li qed ikunu msawtin u mhux trattati sew huwa jgħid li le.;

10. Maghmula din ir-rassenja tal-provi, ser ikunu konsiderati l-aggravji, allura issa sottomisjonijiet tal-impuat bl-ewwel wiehed indirizzat versu l-korrezzjoni li kienet saret fil-komparixxi konsistenti f'zieda fil-kliem "fil-ġranet u fix-xhur ta' qabel" wara d-data tal-allegat incident. L-imputat iressaq l-argument illi mhux minnu li kien inqala' incident fid-data indikata tant li seduta stante kien sar tibdil fid-data biz-zieda tal-kliem appena msemmi. Skond l-appellant, iz-zieda ta' dan il-kliem qieghdu f'sitwazzjoni fejn ma setax jaghmel l-ahjar difiza u juri kemm minn ghamel ir-rapport ma kienx cert mill-jum li fih sehh l-allegat incident. Oltre dan, l-affidavit tal-Pulizija ma jsemmi xejn minn dak allegat mill-kwerelanta;

11. Dwar din l-ewwel lanjanza, jinghad illi kif jirrizulta mill-verbal tal-udjenza tal-11 ta' Jannar, 2016 quddiem l-ewwel Qorti, il-korrezzjoni kienet mitluba qabel biss xehedet il-kwerelanta. Id-difiza imbaghad tat ruħha b'notifikata u nstemghu ix-xhieda kollha f'dik is-seduta. Id-difiza qatt ma opponiet ghal dak it-tibdil fil-komparixxi li wara kollox ma hu xejn hlief *avvizo di comparire* skond kif akkolt fil-gurisprudenza. Il-kliem "u fil-granet u x-xhur ta' qabel" kellu jkun bizzejjed ghall-imputat biex ikun jaf dak li hu allegat fil-konfront tieghu. Seta' legittimament jitlob differiment biex ihejji d-difiza tieghu in vista ta' tibdil li, skond hu, qieghdu

f'sitwazzjoni li ma setghax jaghmel difiza xierqa. Dan l-ilment ghalhekk, kwantu jolqot l-aspett procedurali tal-kawza, qed ikun michud. It-tieni parti tieghu tirrigwarda l-apprezzament tal-provi li hu rizervat ghall-kunsiderazzjoni aktar 'l quddiem;

12. Kwantu s-sottomissjoni dwar il-konflitt fil-provi, dan qed ikun konsiderat mal-ewwel sottomissjoni tal-imputat fejn jichad li qatt gara dak allegat mill-kwerelanta kif ukoll mas-sottomissjoni tieghu li l-prova mressqa mill-kwerelanta ma tilhaqx il-grad rikjest mil-ligi. Il-Qorti tagħmel referenza ghal dak ritenut fis-sentenza Il-Pulizija vs Joseph Thorn mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju, 2003 dwar il-konflitt fil-provi meta intqal li dan ma jwassalx għall-liberazzjoni awtomatika tal-persuna akkużata : ' *mhux kull konflitt fil-provi għandu awtomatikament iwassal għall-liberazzjoni tal-persuna akkużata. Imma l-Qorti, f'każ ta'konflitt ta' provi, trid tevalwa l-provi skont il-kriterji annunċjati fl-Artiklu 637 tal-Kap 9, u tasal għal konklużjoni dwar lil min trid temmen u f'xiex ser temmnu jew ma temmnux" (*ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Dennis Pandolfino et 19 ta' Ottubru, 2006);

13. Fil-kaz odjern, certament hemm konflitt fil-verzjonijiet moghtija mill-partijiet. Din il-Qorti kellha l-opportunita' li tisma u tosserva lill-kull xhud meta ddeponew quddiemha. Haga din li tghin mhux ftit meta l-gudikant jasal biex jaghmel dik l-ghazla bejn verzjoni u ohra. Minn dak l-ezercizzju tal-buon sens kif rifless fir-regola appena citata, il-Qorti hi tal-ferma konvinzjoni illi l-verzjoni tal-kwerelanta tirrifletti dak li tassew sehh bejn dawn il-konjugi. Il-kwerelanta ghamlet ir-rapport fil-5 t'Awwissu, 2015 għaliex kif xehdet hi stess ma kienitx taf u ma kienitx fehmet lil avukat tagħha stess li kellha tmur tagħmel rapport. L-affidavit ta' WPC 161 T Camilleri huwa ċar u jirreferi għall-inċident tat-22 ta' Lulju, 2015 u li r-rapport sar fil-5 t'Awwissu, 2015. Wara kollox ma hemm

xejn irragjonevoli li persuna tirraporta incident wara li jkun ghadda ftit ta' zmien aktar u aktar jew ghaliex ma tkunx fehemet l-istruzzjoni, kif sehh f'dan il-kaz, jew ghaliex tkun trid tahsibha sew jew tiehu parir qabel ma taghmel dak il-pass. M'ghandhiex b'daqshekk tkun skreditata ix-xhud sakemm ma jkun hemm xejn fl-atti li jiddemostra mod iehor. Il-Qorti tinnota li ghad li ghadda ż-żmien mill-akkadut xorta għadha tħossha trawmatizzata;

14. Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qed issib lil appellant ħati tal-akkużi miġjuba fil-konfronti tiegħu u wara li rat l-Artikoli 339 (1) u 251B (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundanna lil appellant għal terminu ta' tlett (3) xhur priġunerija liema perjodu ma jiddekorrix ħlief jekk l-appellant jikkometti reat ieħor punibbli bi prigunerija fi żmien sentejn (2) millum skont l-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni favur Manar Yassine skont l-Artikolu 412Ċ tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal perjodu ta' tlett (3) snin millum.

15. Il-Qorti għaddiet biex tispjega fi kliem ċar l-obbligi tal-appellant naxxenti minn din is-sentenza.